MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Talba Numru. 199/2005

**Talba numru 199/05 RFA**

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurat taghha Maryrose Goodlip a bazi tal-polza ta` assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Maryrose Goodlip (ID 134673 M)**

**Vs**

**Anthony Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta` Jannar, 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' mitejn u ghaxar liri maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm210.51c), illum ekwivalenti ghal Ewro 490.36c, rapprezentanti valur ta` danni

ikkawzati f'incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta` Awissu, 2004, gewwa Fleur de Lys Road, B'Kara bejn il-vettura proprjeta` ta` l-istess attrici li ghandha n-numru ta` registrazzjoni MRG 173 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta` registrazzjoni KCY 891 ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi ta` l-ittra ufficcjali mibghuta kontestwalment ma` dan l-avviz lis-socjeta` assikuratrici Motor Insurance Pool u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-prezenti sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li qieghed minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 23 ta` Frar, 2008 fejn cahad kull responsabbilita` ta` l-incident stradali meritu ta` dina l-kawza.

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-incident stradali in kwistjoni sehh fejn it-traffic lights ta` St. Andrews qabel ma ddur lejn Paceville. Skond ir-rapport tal-warden a fol. 10 et seq ix-xufier tax-xarabank bil-kemm kien jaff li sehh l-impatt peress li dan qal li huwa kemm hares mill-mera tal-genb hekk kif kien qed idur lejn San Giljan u ra l-vettura l-ohra tmiss mieghu. Mill-banda l-ohra l-attrici tghid li hija kienet wieqfa qabel il-lights u hekk kif qalghet, qala` wkoll it-truck tal-konvenut li ras maghha. Hija waqfet pero` t-truck baqa` jsuq. Mill-iskizz tal-warden jidher li l-*ispot of impact* ssehh ftit lil hinn mill-lights bid-dritt ma` l-istess u kwindi huwa indikattiv u jikkonferma l-fatt li l-impatt sehh f'mument meta z-zewg vetturi nvoluti kienu qed jiksru lejn San Giljan.

Fix-xhieda taghha l-attrici tikkonferma illi hija kienet waqfet fuq it-traffic lights fuq il-karreggjata ta` barra biswit ic-centre strip filwaqt ix-xarabank kienet wieqfa ma` genba fuq in-naha ta` gewwa, t-tnejn li huma wieqfa l-ewwel fuq il-lights. Kif il-lights qalbu hodor, iz-zewg vetturi bdew

miexjin u ppuntaw iduru t-tnejn fuq il-lemin lejn San Giljan. L-attrici  tghid li waqfet peress illi hasset ix-xarabank tissikkha wisq pero` dan ta` l-ahhar baqa` ghaddej bil-konsegwenza li laqtilha l-mudguard u bumper fuq in-naha tax-xellug. Tax-xarabank waqaf ‘l hinn mill-incident wara li l-attrici daqqietlu l-horn. L-attrici qablet mal-iskizz ezebit u tikkonferma l-pozizzjoni fejn waqfet il-vettura l-bajda taghha kif muri fuq ir-ritratt mehud mill-warden a fol. 13 tal-process.

Il-konvenut Anthony Attard jaqbel ma` l-attrici li huwa kien wieqaf fuq il-lights fuq in-naha ta` gewwa, cioe` fuq ix-xellug. Huwa jaferma li kemm meta kien wieqaf fuq il-lights u kif ukoll meta qala` biex idur fuq il-lemin tieghu lejn Paceville/San Giljan, huwa ma ra lill-ebda karozza wieqfa hdejh fuq il-karreggjata ta` barra cioe` biswit ic-centre strip. Huwa nnota l-vettura ta` l-attrici mwahhla mieghu biss fil-mument meta hares lejn il-mera tieghu kif kien qed idur. Huwa jsostni li kif kien qed idur dejjem baqa` fuq il-karreggjata tieghu. Illi din il-verzjoni tal-konvenut wahedha titfa` certa responsabbilita` fuqu stess fis-sens illi l-fatt li huwa naqas li jinnota lill-attrici meta kien wieqaf u meta gie biex jaqla` tindika certa nuqqas ta` *proper look out* da parti tieghu. Inoltre l-fatt li huwa haseb li ma kellu l-hadd hdejh fuq in-naha ta` barra, l-fatt li x-xarabank tieghu ghandha certu tul u l-fatt li huwa ried u ghamel manuvra ta` angolatura sostanzjali lejn il-lemin tieghu iwassal lit-Tribunal biex jikkonkludi b’mod konvincenti illi fil-manuvra tieghu tax-xarabank bil-fors resaq u rifes il-karreggjata ta` l-attrici u kwindi laqghatha u mhux kif jalega s-Sur Attard li baqa` fuq il-lane tieghu. Lanqas biss induna li habat u difatti waqaf ‘l hinn mill-impatt ahseb u ara kemm jista` jafferma bil-gurament tieghu li x-xarabank zammet strettament ma` l-istess karreggjata fil-liwja.

Illi ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni apparti l-fatt li dawn jinsabu ampjament ipprovati tramite d-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Anthony Attard kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, kwindi

jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta` Ewro 490.36c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------